MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 772/2013

**Tal-Herba Construction Limited (C14183)**

**vs**

**SMW Cortis Limited C 6728 u Calibre Industries Limited C 17167**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' Tal-Herba Construction Limited, li permezz tieghu, l-istess socjeta', ghar-ragunijiet hemm imfissra talbet lil din il-Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra ufficjali fl-ismijiet "SMW Cortis Limited C6728 u Calibre Industries Limited C17167 v. Anthony Spiteri ID 489257m u tal-Herba Construction Limited C 14183" ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' SMW Cortis Limited u Calibre Industries Limited, li fl-istess risposta esponiet ir-ragunijiet li ghalihom fil-fehma taghha, it-talba m'ghandhiex tintlaqa'.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Din hija procedura li l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghaliha fl-Art. 253(e) li testwalment jipprovdi illi kambjali jitqiesu titoli ezekuttivi,

"*(e) B'dan izda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew prommisory note kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghall-garanzija kif ukoll minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala jew prommisory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.*"

SMW Cortis Limited u Calibre Industries l-ewwel ma jressqu hija eccezzjoni ta' natura preliminari. Huma jsostnu li r-rikors huwa null u bla effett ghax ma sarx fl-atti tal-ittra ufficjali mibghuta fl-24 ta' Lulju 2013. Huma jsostnu li din il-procedura mhijiex wahda gdida izda kontinwazzjoni tal-procedura inizjata permezz tal-ittra ufficjali stess.

Din il-Qorti fil-kuntest tqis illi s-sanzjoni estrema ta' dikjarazzjoni ta' nullita' ghandha tigi applikata biss f'dawk il-kazijiet meta d-difett ta' forma jew formalita' jwassal

ghall-pregudizzju ta’ min jircevih fis-sens li b’xi mod inaqqar lilu dak id-dritt li jiddefendi ruhu effettivament u fil-pront. Fil-kaz in ezami, ir-ricevitur tal-att fehem tajjeb x’kien jimporta r-rikors u x’kien jirreferi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax ragjonevolment tasal biex tapplika s-sanzjoni estrema ta’ nullita’.

“*Kif qalet il-Qorti fl-Appell Civili **Vella vs Cefai** (4.11.1991) Meta fl-atti tac-citazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eccezzjoni tan-nullita’ tac-citazzjoni tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita’ pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f’dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista’ jkun ghall-pratticita’ u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita’ u kemm jista’ jkun ghandha ssalva atti gudizzjarji. Att ta’ citazzjoni ghandu jigi mwaqqa’ u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita’ ta’ l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estremea li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali*” (“Panaco Marketing Limited vs Walter Bonnici”, deciza mill-Prim’Awla fil-25 ta’ Mejju 2011).

Ir-ragunijiet li taghti s-socjeta’ rikorrenti kollha jemanaw mir-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti li wasslu ghall-pendenzi ezistenti bejniethom.

Ir-rikorrenti f’din il-kawza qed jibbazaw it-talba taghhom fuq diversi ragunijiet. L-ewlenija hija l-ezistenza ta’ kreditu sostanzjali allegatament dovut minn SMW Cortis Limited u Calibre Industries Limited lil Tal-Herba Construction Limited.

Issa, kif dejjem ritenut minn dawn il-Qrati, l-awtonomija tal-kambjali hija l-pern tal-istitut, tant li gie ritenut illi:

“*Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni ‘ad hoc’, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha.*

*Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi*" (ara "Pool vs Mercieca deciza mill-Prim'Awla fid-29 ta' Mejju 2003).

Jinghad ukoll:

"*Kambjala tohloq l-obbligazzjoni ta' natura partikolari ghaliex hija wahda* <u>*indipendenti mill-causa obbligations.*</u>

<u>*Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat min-negozju li ta lok ghall-hrug taghha, li l-ligi stess, tirrestringi l-eccezzjonijiet li setghu jinghataw f'azzjoni ghall-pagament taghha.*</u> *L-Artikolu 198 tal-Kodici ta' Kummerc jipprovdi illi setghu biss jinghataw f'azzjoni kambjarja :- (1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-possessur tal-kambjala li ma jistghux idewmu l-hlas taghha jekk ma jkunx dwar krediti likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja. (2) Li jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f'kawza ghaliha u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala bil-garanzija jew minghajrha, skont kif jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma*" ("Busietta vs Attard", deciza fid-9 ta' Frar 2001).

Hija minhabba din l-awtonomija li l-ligi tipprovdi biss ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni f'kaz biss ta' ragunijiet gravi. Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-Qorti tifhem li jistghu jezistu pendenzi ohra bejn il-kontendenti, ma jirrizultawx illi hemm ragunijiet ta' dik il-gravita' li jwasslu 'l-Qorti xxellef dik l-awtonomija tal-kambjala intiza biex thaffef il-hlas tal-istess kambjala.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Michael Attard Limited vs Turista Limited" (deciza fit-22 ta' Novembru 2012):

"*Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun.*"

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' t-twegiba ta' SMW Cortis Limited u Calibre Industries, tichad it-talba ta' Tal-Herba Construction Limited kontenuta fir-rikors tad-9 ta' Awwissu 2013.

L-ispejjez jithallsu minn Tal-Herba Construction Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------